# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar L-Erbgha 30 ta’ Settembru, 2015

**Talba Nru: 473/15 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Nadia Grech**
**ID. 363876M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hmistax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€715.24) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40000813 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti immarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 -

prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Susegwentament is-socjeta' attrici rriduciet l-ammont mitlub b'mitejn ewro (€200) biex b'kollox it-talba hija ghal hames mija u hmistax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€515.24).

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' hames mija u hmistax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€515.24) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**